

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża”

[COM(2017) 294 final]

(2018/C 129/08)

Relatur: **Antonello PEZZINI**

Korelatur: **Éric BRUNE**

| | |
|--|--|
| Konsultazzjoni | 7.6.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Korp kompetenti | Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) |
| Adottata fis-CCMI | 16.11.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 7.12.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 530 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 133/2/5 |

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jappoġġja bis-sħiħ it-tnedija ta' Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) bil-għan li tinholq sistema ta' difiża komuni integrata u interoperattiva, li hija urġenti ħafna minħabba x-xenarju ġeopolitiku attwali, li jsaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-industrija tad-difiża⁽¹⁾ tal-Ewropa u jiżviluppa bażi komuni industrijali u teknoloġika soda.

1.2. Il-KESE jqis essenzjali li jiġi adottat approċċ ġdid li jikkunsidra l-qafas ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (KSP \PESCO) bħala l-istrument ewlieni tat-Trattat ta' Lisbona, u li jista' jaġixxi bħala inkubatur politiku, fejn tinbena Ewropa tad-difiża, biex jingħataw preferenza d-disponibbiltà u l-impenji tal-Istati Membri, skont l-Artikoli 42(6) u 46 tat-TUE u l-Protokoll 10 tat-Trattat.

1.3. Skont il-Kumitat, KSP\PESCO⁽²⁾ “inklużiva u ambizzjuża” biss, li tkun kapaċi tistabbilixxi lista ta' kriterji u impenji vinkolanti, tista' toħloq proċess li jwassal għal kapaċità awtonoma ta' ġestjoni billi tingħeleb il-frammentazzjoni tad-domanda u l-provvista u l-ħolqien progressiv ta' suq Ewropew trasparenti u miftuħ.

1.4. Il-KESE jemmen li r-Regolament EDIDP għandu jkun imfassal skont viżjoni strateġika industrijali komuni, li twassal għal integrazzjoni effettiva tal-produtturi u l-utenti Ewropej, b'mill-anqas 3 Stati Membri, fil-proġetti ffinanzjati u fix-xiri ta' prodotti u servizzi.

1.5. Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ il-ħtieġa għal djalogu strutturat fil-livell Ewropew, f'sinerġija u koordinazzjoni man-NATO⁽³⁾, u Kunsill tal-Ministri tad-Difiża li jista' jipprovdi gwida politika dejjiema u forum għall-konsultazzjoni u l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tabilħaqq Ewropej.

1.6. Il-KESE jemmen li huwa essenzjali li tiġi żgurata governanza tal-EDIDP li tista' tiddefinixxi objettivi komuni u konkreti permezz ta':

— kumitat konsultattiv ta' esperti industrijali li għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet għall-programm ta' ħidma tiegħu, u kumitat ta' tmexxija li jinkludi l-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 62.

⁽²⁾ Ara Kunsill Ewropew 22-23 ta' Ġunju 2017.

⁽³⁾ Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta tat-8 ta' Lulju 2016.

1.7. Ir-regolament għandu jiżgura:

- bilanċ ġeografiku adegwat bejn il-pajjiżi Ewropej;
- sehem sinifikanti ta' kumpaniji żgħar;
- li tingħeleb il-prekarjetà tal-ħaddiema tal-EDTIB sabiex tiġi kkonfermata l-validità tal-finanzjament tal-UE;
- il-konformità mal-istandards soċjali u ambjentali, b'mod partikolari f'termini ta' ekodisinn u s-sigurtà tal-impjegati⁽⁴⁾, sabiex jiġu żgurati l-kapaċitajiet tal-industrija, u
- opportunitajiet trasparenti, għall-impriżi kollha tal-UE, irrispettivament mill-post tal-attività u d-daqs tagħhom, li jipparteċipaw fil-programm EDIPD.

1.8. Il-KESE jaqbel dwar il-fatt li l-interventi EDIDP għandhom jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi, kif ukoll ta' prototipi.

1.9. Il-KESE jemmen li biex jinholq qafas ta' difiża Ewropea komuni, għandha tiġi żviluppata **kultura Ewropea mifruxa ta' difiża u ta' sigurtà** li tagħti liċ-ċittadinanza Ewropea sens komplut.

2. Introduzzjoni

Storikament, it-tentattivi biex tinholq difiża Ewropea komuni kienu tema konsistenti – anke jekk estremament delikata – matul l-istorja tal-integrazzjoni Ewropea.

2.1. L-ewwel tentattiv kien it-tnedija tal-Komunità Ewropea tad-Difiża (EDC) fl-1954, li falla fit-30 ta' Awwissu 1954. It-tieni kien it-tnedija tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni fl-2000, segwit mill-ħolqien tal-Aġenzija Ewropea tad-Difiża (EDA) fl-2004. Wara dan kien hemm it-tfassil tal-Istrateġija Globali tal-UE (EUGS)⁽⁵⁾, u t-tnedija tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża (EDAP) sad-Dikjarazzjoni Konġunta UE-NATO⁽⁶⁾ tal-2016.

2.2. L-iżvilupp tas-settur industrijali tad-difiża, minbarra li jkollu vantaġġi sinifikanti għall-ekonomija Ewropea, jista', jekk jiġi ġestit b'viżjoni fit-tul, ikun il-bażi għal viżjoni usa' u aktar xierqa mmirata lejn il-ħolqien ta' difiża verament Ewropea.

2.3. It-tegħlib bil-mod iżda meħtieġ tal-viżjoni tad-difiża nazzjonali, li, fost affarijiet oħrajn, tikkontrasta mal-preżenza ta' aggregazzjonijiet politiċi militari qawwija fid-dinja, u li wriet il-fraġilità u d-dgħufija politika Ewropea fl-avvenimenti dinjija ewlenin, jista' jiġi ispirat mill-inizjattiva tal-Parlament u tal-Kunsill. Permezz tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni, din l-inizjattiva tista' tippromovi l-industrija u s-suq tad-difiża Ewropew

2.3.1. Is-settur Ewropew tal-industriji tad-difiża – mifhum bħala l-industrija kollha li tiżviluppa, tipproduċi u tipprovdi oġġetti u servizzi lill-forzi armati, lill-pulizija u lis-sigurtà tal-Istati Membri tal-UE – għandu karatteristiċi distintivi f'diversi aspetti: il-bidliet teknoloġiċi qed ibiddlu b'mod radikali n-natura u l-fiżjonomija tad-difiża u tas-sigurtà b'impatt qawwi fuq l-industrija Ewropea, l-ewwelnett bl-użu tal-"big data" bħalma huma l-vetturi u t-tagħmir bla ekwipaġġ, u l-intelliġenza artifiċjali.

2.3.2. Mill-perspettiva tal-ekonomija Ewropea: b'fatturat ta' EUR 100 biljun fis-sena u b'1,4 miljun impjegat b'ħiliet ta' livell għoli⁽⁷⁾, hija industrija Ewropea ewlenija, b'impatti qawwija fuq setturi oħrajn bħall-elettronika, l-avjazzjoni, it-tarzni, l-isparzu jew it-tessuti tekniċi.

2.3.3. Mill-perspettiva teknoloġika: b'ħidma kontinwa fl-avangwardja tal-innovazzjoni teknoloġika, l-Ewropa ssaħħa il-kompetittività tagħha għaliex jinħolqu spin-offs ta' livell eċċellenti li jridu jiġu appoġġjati sabiex jiġu integrati teknoloġiji ċivili f'sistemi kumplessi li jadattaw għal speċifitajiet difensivi individwali.

⁽⁴⁾ ISO 14000 u ISO 18000, ISO 14006 u ISO 45001, ISO 14006.

⁽⁵⁾ L-Unjoni Ewropea, "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni", Ġunju 2016 – https://europa.eu/globalstrategy/sites/globalstrategy/files/eugs_review_web.pdf.

⁽⁶⁾ Dikjarazzjoni konġunta, Varsavja, 8 ta' Lulju 2016, http://www.nato.int/cps/en/natohq/official_texts_133163.htm.

⁽⁷⁾ Assoċjazzjoni Ewropea tal-Industriji Aġrupazjali u tad-Difiża, 2017.

2.3.4. Mill-perspettiva tas-suq intern: is-suq tad-difiża huwa tradizzjonalment eskluż mill-proċess tat-twaqqif tas-suq uniku Ewropew u ż-żamma ta' 27 suq, mifrudin minn programmi nazzjonali, ippreveniet l-isfruttament ta' ekonomiji ta' skala fil-produzzjoni ⁽⁸⁾.

2.3.5. Mill-perspettiva tad-domanda: is-settur tal-industrija tad-difiża jiddependi prinċipalment fuq id-domanda ta' stati individwali u fuq il-baġits nazzjonali tagħhom. Fl-aħħar għaxar snin, il-baġits tad-difiża fl-UE naqsu b'madwar EUR 2 biljun fis-sena u l-Istati Membri tal-UE27 jinvestu medja ta' 1,32 % tal-PDG fuq id-difiża.

2.3.6. Minn perspettiva strateġika: jekk l-Ewropa għandha tiżgura livelli adegwati ta' sigurtà għaċ-ċittadini u l-kumpaniji tagħha, tissalvagwardja l-integrità territorjali tal-fruntieri tagħha u tassumi r-responsabbiltà fid-dinja, għandha tiżgura kapaċitajiet ta' difiża kredibbli, filwaqt li jiġi żgurat livell adegwat ta' awtonomija strateġika u żvilupp teknoloġiku u industrijali, b'bażi Ewropea komuni.

2.4. Is-sitwazzjoni attwali tissogra wkoll li tfixxkel il-kapaċità tal-Ewropa li tthabbat wiċċha mal-isfidi ġodda ta' sigurtà, minħabba li l-apparat qed isir dejjem aktar skadut u minħabba l-ispejjeż tat-tagħmir li dejjem qed jiżdiedu ⁽⁹⁾.

2.4.1. Illum, l-investiment fid-difiża taż-żona Ewropea kollha kemm hi jirrappreżenta anqas minn nofs dak li jonfqu l-Istati Uniti.

2.5. Filwaqt li l-industrija tad-difiża Ewropea setgħet tpatti, għall-anqas parzjalment, għat-tnaqqis fl-ordnijiet interni minħabba l-esportazzjoni u billi qed jiġu gglobalizzati l-produzzjoni u l-bejgħ, il-frammentazzjoni tal-politika tad-difiża wasslet għal ineffiċjenzi u dgħufijiet li huma dejjem aktar viżibbli f'termini ta':

- telf fl-ekonomiji ta' skala,
- żidiet konsistenti fl-ispejjeż għal kull unità ta' prodott,
- nuqqas ta' kompetizzjoni bejn kumpaniji fil-pajjiżi ta' produzzjoni,
- standards tekniċi regolatorji differenti,
- rati ta' innovazzjoni aktar baxxi,
- diskrepanzi li dejjem jikbru fil-konfront ta' kumpaniji ewlenin li mhumiex fl-UE,
- livelli għoljin ta' dipendenza fuq fornituri barranin.

2.6. Din is-sitwazzjoni tissogra wkoll li tfixxkel il-kapaċità tal-Ewropa li tlaħħaq mal-isfidi l-ġodda minħabba l-impenji ta' nfiq li huma relattivament baxxi kif ukoll minħabba l-livelli baxxi ta' koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali.

2.6.1. Barra minn hekk, 80 % tal-kuntratti tad-difiża jibqgħu purament nazzjonali, bi spejjeż doppji ovvji.

2.7. Il-forzi armati tal-pajjiżi Ewropej kisbu grad għoli ta' integrazzjoni minn perspettiva operattiva u għandhom esperjenza twila ta' kooperazzjoni, iżda jibqgħu kompletament separati f'27 struttura b'sistemi ta' appoġġ strettament nazzjonali, għalkemm qegħdin jirrikorru aktar ta' spiss għal inizjattivi ta' diversi tipi, li jaqgħu taħt l-umbrella tal-akkomunament u kondivizzjoni ⁽¹⁰⁾.

2.8. B'għadd ta' dokumenti tal-Istrateġija Globali EUGS ġew stabbiliti ħames objettivi speċifiċi li huma partikolarment importanti għad-difiża Ewropea:

1. li jkun hemm kapaċitajiet militari ta' spettru sħiħ fuq l-art, fl-arja, fl-ispazju u fuq il-baħar;
2. li jiġu żgurati l-mezzi teknoloġiċi u industrijali biex jiġu akkwistati u miżmuma l-kapaċitajiet militari meħtieġa għal aġir b'mod awtonomu;
3. li jsir investiment f'ingeni tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS);

⁽⁸⁾ SWD(2017) 228 final, punt 2.2.

⁽⁹⁾ Ara punt 9.

⁽¹⁰⁾ Ara, pereżempju, il-programmi Eurofighter Typhoon u l-A400M.

4. li jsiru investimenti fil-komunikazzjonijiet bis-satellita, fl-aċċess awtonomu għall-ispazju, fl-osservazzjoni permanenti tad-Dinja;

5. li l-Istati Membri jingħataw u jiġu assistiti bil-kapaċità li jiddefendu lilhom infushom kontra t-theddid ċibernetiku.

2.9. Il-Pakkett ta' inizjattivi li jinkludi l-proposta għal regolament li jstabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża u l-proposta għall-ħolqien ta' Fond Ewropew għad-Difiża biex jappoġġja l-investimenti konġunti fir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji u l-materjali jimmira li jibda proċess immirat lejn ir-riforma tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà fis-sens li:

— tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u jinħolqu programmi ta' kooperazzjoni ġodda;

— jitnaqqsu l-ostakli bejn is-swieq nazzjonali;

— tingħata għajnuma lill-industrija tad-difiża Ewropea biex issir aktar kompetittiva;

— jiġu promossi s-sinerġiji bejn ir-riċerka ċivili u dik militari;

— jiġu identifikati oqsma bħall-enerġija, l-ispazju u t-teknoloġiji b'użu doppju sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-Ewropa.

2.9.1. Biex jiġu indirizzati sfidi globali fis-settur, jeħtieġ li jiġi żviluppat il-potenzjal tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, sabiex jiġu identifikati oqsma ta' azzjoni komuni li għandhom jitressqu lill-Istati Membri għal deċiżjoni.

2.10. Il-Kunsill Ewropew fil-15 ta' Diċembru 2016 ħareġ stedina biex jiġu ppreżentati "proposti fl-ewwel semestru tal-2017 għall-istabbiliment ta' Fond Ewropew għad-Difiża inkluż opportunità ta' żvilupp konġunt ta' kapaċitajiet komunen miftiehma mill-Istati Membri" ⁽¹¹⁾. Fil-konklużjonijiet tiegħu l-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2017, f'Kunsill konġunt għall-Affarijiet Barranin u d-Difiża, talab li tiġi stabbilita Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) u struttura ġdida li ttejjeb il-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi aktar malajr, u b'mod effettiv u omoġenju.

2.11. Il-Kunsill Ewropew tat-22 u t-23 ta' Ġunju 2017 qabel "dwar il-ħtieġa li titnieda kooperazzjoni strutturata permanenti KPS/PESCO inklużiva u ambizzjuża" b'lista komuni ta' kriterji u impenji vinkolanti f'konformità sħiħa mal-Artikolu 42(6) u l-Artikolu 46 tat-TUE u l-Protokoll 10 tat-Trattat, konsistenti mal-ippjanar tad-difiża nazzjonali u l-impenji tiegħu miftiehma man-NATO u n-NU mill-Istati Membri kkonċernati ⁽¹²⁾.

2.12. Min-naħa tiegħu, il-Parlament kompli jfittex kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri tal-UE fid-difiża kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattat ta' Lisbona dwar is-sigurtà u d-difiża. F'Riżoluzzjoni tat-22 ta' Novembru 2016 dwar l-Unjoni Ewropea tad-Difiża ⁽¹³⁾, il-Parlament Ewropew ħeġġeġ "lill-Kunsill Ewropew imexxi t-tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni tal-Unjoni" u biex jingħataw riżorsi finanzjarji addizzjonali li jiżguraw l-implimentazzjoni tagħha.

2.12.1. Il-Parlament Ewropew enfasizza wkoll il-ħtieġa li l-pajjiżi Ewropej ikollhom kapaċitajiet militari kredibbli u ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom waqt li jiffokaw fuq il-kollaborazzjoni u tenna t-talba tiegħu biex ir-rekwiżiti militari jiġu kkoordinati sistematikament fi proċess armonizzat ta' ppjanar, ikkoordinat mal-proċess ta' ppjanar tad-difiża tan-NATO ⁽¹⁴⁾.

2.13. Min-naħa tiegħu, u f'diversi okkażjonijiet, il-Kumitat ikkummenta dwar il-politika tad-difiża ⁽¹⁵⁾ fejn talab "li jsir pass kwalitattiv importanti fil-kooperazzjoni tad-difiża Ewropea", fir-rigward ta' "frammentazzjoni eċċessiva tas-suq u tal-industrija tad-difiża" ⁽¹⁶⁾.

⁽¹¹⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin, 15 ta' Novembru 2016.

⁽¹²⁾ Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹³⁾ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2016-0435+0+DOC+XML+V0//MT>

⁽¹⁴⁾ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P7-TA-2012-0456+0+DOC+XML+V0//MT>

⁽¹⁵⁾ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 62; ĠU C 67, 6.3.2014, p. 125; ĠU C 299, 4.10.2012, p. 17; ĠU C 100, 30.4.2009, p. 114; ĠU C 100, 30.4.2009, p. 109.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 62.

3. Il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea

3.1. Il-KE tipproponi li twaqqaf programm Ewropew għall-iżvilupp tal-industrija tad-difiża b'allokazzjoni ta' EUR 500 miljun għal perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020. L-għanijiet tiegħu huma:

- it-tiġih tal-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-UE bl-appoġġ ta' azzjonijiet fil-fażi tal-iżvilupp tagħhom u l-promozzjoni ta' kull forma ta' innovazzjoni;
- l-ottimizzazzjoni tal-kooperazzjoni fin-negozju fir-rigward tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji;
- l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) speċjalment fl-iżvilupp tar-riżultati tar-riċerka; u
- it-titjib fil-kollaborazzjoni bejn in-negozji biex jitnaqqsu id-duplikazzjoni u t-tixrid u jiġu ġġenerati ekonomiji ta' skala.

3.2. Il-kontribut finanzjarju tal-Unjoni jieħu l-forma ta' sussidji, strumenti finanzjarji jew kuntratti pubbliċi biex isostnu d-disinn, id-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, il-prototipi u l-ittestjar, il-kwalifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti u komponenti u tat-teknoloġiji.

3.3. Il-kriterji ta' eliġibbiltà proposti huma: proposti għall-kooperazzjoni ta' mill-anqas 3 kumpaniji minn 2 Stati Membri differenti; ir-rati ta' finanzjament huma limitati għal 20 % tal-ispiża totali tal-azzjoni, fil-każ ta' prototipi, filwaqt li fil-każijiet l-oħrajn kollha jistgħu jiġu ffinanzjati l-ispejjeż totali.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi immirati biex jindirizzaw l-isfidi ta' għada u biex tiġi protetta s-sigurtà – inkluża ċ-ċibersigurtà – taċ-ċittadini, u b'hekk tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-industrija tad-difiża tal-Ewropa, permezz tal-iżvilupp ta' bażi industrijali u teknoloġika komuni solida.

4.2. Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ it-tnedija ta' Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża b'abbozz ta' regolament **bħala l-ewwel pass, li għandu jiġi perfezzjonat u msaħħaħ**, fir-rigward tal-fondi allokati issa, bil-għan li tinħoloq, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, sistema ta' difiża komuni, li hija ferm urġenti, minħabba x-xenarju ġeopolitiku attwali.

4.3. Skont il-KESE, wasal iż-żmien għall-ħolqien ta' **suq uniku Ewropew għad-difiża tal-UE-27** li jkun effettiv, sħiħ, effikaċi u kompetittiv, u li jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:

- aktar miftuħ u mingħajr segmentazzjonijiet anke f'termini ta' standards, speċifikazzjonijiet tekniċi u ċertifikazzjonijiet tal-KE;
- aċċess aħjar għall-materja prima;
- appoġġ speċifiku għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;
- aċċess aktar faċli għall-finanzi, għall-informazzjoni u għas-swieq l-oħra;
- speċjalizzazzjoni b'saħħitha tar-rwoli;
- użu effiċjenti tal-infrastrutturi tal-enerġija u tal-ispazju;
- protezzjoni aħjar tal-fruntieri u sigurtà marittima indispensabbli;
- previżjoni, għal viżjoni komuni kondiviża madwar l-UE kollha;
- żvilupp sostenibbli u soċjalment aċċettabbli kontra l-impjieg prekarju; u
- kummerċ aktar faċli bejn is-setturi ta' prodott fi ħdan l-UE permezz tas-semplifikazzjoni ta' importazzjonijiet temporanji bejn l-impriżi għal operaturi OEA ⁽¹⁷⁾.

⁽¹⁷⁾ OEA – Operatur Ekonomiku Awtorizzat bi standards li jiżguraw is-sigurtà tal-katina tal-provvista internazzjonali.

4.3.1. Il-KESE huwa konvint li hija biss il-ġlieda kontra l-prekarjetà tal-ħaddiema ta' bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea li tista' tassigura l-akkwist ta' ħliet min-naħa tal-kumpaniji u li tippermetti li jintlaħqu l-oġġettivi li huma l-għan tal-programm EDIDP.

4.4. Il-Kumitat jemmen li l-**allokazzjoni finanzjarja** tal-programm EDIDP hija limitata ħafna, u għandha tkun tista' tirċievi wkoll appoġġ mill-FEIS "sabiex isir l-aħjar impatt possibbli fuq l-impjieg, inklużi teknoloġiji b'użu doppju relatati mal-industrija tas-sigurtà u d-difiża li jappoġġjaw il-varar ta' bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) unika b'saħħitha u definita b'mod aktar ċar"⁽¹⁸⁾.

4.5. Il-KESE jikkunsidra wkoll li mhumiex biżżejjed il-kriterji ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata **dimensjoni Ewropea effettiva tal-bażi teknoloġika u industrijali tal-azzjonijiet**: għandhom jiġu pprovduti mill-anqas tliet kumpaniji indipendenti minn tal-anqas tliet Stati Membri differenti, minbarra gruppi ta' utenti, iffurmati minn intrapriżi żgħar.

4.5.1. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat bilanċ adegwat bejn il-pajjiżi differenti Ewropej, kif ukoll sehem sinifikanti ta' parteċipazzjoni minn intrapriżi żgħar.

4.6. Il-KESE jittama li l-finanzjament Ewropew jiżgura li l-attivitajiet ta' żvilupp jibbenefikaw b'mod prijoritarju lin-negożji Ewropej.

4.7. Il-KESE jittama wkoll li r-regoli dwar l-esportazzjoni ta' armi ta' difiża jiġu armonizzati flivell Ewropew, pereżempju abbażi tar-regoli tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA) iffirmit u rratifikat mill-Istati Membri kollha tal-UE, bil-għan li tiġi eliminata l-possibbiltà ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji Ewropej li tista' tikkomplika l-aċċess għas-suq tal-esportazzjoni.

4.8. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tipi ta' azzjoni, il-KESE jidhirlu li huwa essenzjali li wieħed jiġġieled kontra l-prekarjetà tal-impjieg tal-ħaddiema tal-industrija Ewropea tad-difiża. L-għan tal-finanzjament tal-UE huwa li tittejjeb il-kompetenza tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża. Il-kompetenza tal-industrija, filwaqt li hija dipendenti fuq il-ħaddiema, jeħtieġ li tkun kollaborazzjoni sostenibbli u sikura bejn il-ħaddiema u l-kumpaniji li jimpjegawhom.

4.9. Bl-istess mod, skont il-KESE, fir-rigward tal-**kriterji tal-għażla tal-proġetti**, għandhom jiġu inklużi bħala kwalifikanti dawn li ġejjin:

- l-impatt mistenni f'termini ta' żieda fil-kwantità u l-kwalità tal-ħliet tal-ħaddiema;
- il-preżenza kwalifikanti addizzjonali tal-SMEs; u
- il-konformità mal-istandards soċjali u ambjentali⁽¹⁹⁾.

4.9.1. Skont il-KESE trid tkun prevista kwota (per eżempju 10 %) tas-sejħiet iddedikati għal proġetti żgħar, li huma miftuħin il-ħin kollu u mmirati lejn kumpaniji żgħar, li jippermetti parteċipazzjoni fil-programm iktar bilanċjata tal-partijiet kollha attivi fl-iżvilupp teknoloġiku u innovattiv ta' prodotti u servizzi fis-settur tad-difiża.

4.10. Il-KESE jħoss li huwa essenzjali li s-setgħat implimentattivi tal-Kummissjoni jiġu appoġġjati minn governanza tal-EDIDP li tista' tiddefinixxi oġġettivi komuni u konkreti permezz ta':

- kumitat konsultattiv ta' esperti industrijali tal-Istati Membri sabiex jipproponu temi ta' prijorità,
- kumitat ta' ġestjoni tal-programm, b'rappreżentanti tal-Istati Membri, biex ikun hemm bilanċ ġeopolitiku fl-Unjoni kollha kemm hi.

5. Azzjonijiet li għandhom jittieħdu

5.1. jiġi enfasizzat ir-rwol fundamentali tad-difiża Ewropea fil-ħarsien tal-interessi Ewropej f'termini ta' sigurtà, u tal-impjenji internazzjonali li ttieħdu, għad-demokrazija u l-istat tad-dritt;

5.2. jiġi enfasizzati l-kapaċitajiet u l-professjonaliżmu tal-armati tad-difiża, tradizzjonalment meqjusa bħala promoturi tar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll għall-irkupru intraprenditorjali u ekonomiku tas-sistema ta' produzzjoni Ewropea;

⁽¹⁸⁾ FEIS: Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi – ara l-Opinjoni ĠU C 75, 10.3.2017, p. 57.

⁽¹⁹⁾ Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

- 5.3. jiġi kkonsolidat is-sens ta' identità u appartenenza fl-Unjoni Ewropea permezz tal-kondiviżjoni tal-istess qafas ta' valuri fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi differenti;
- 5.4. jissaħħu l-għarfien, il-kuxjenza u l-appoġġ taċ-ċittadini Ewropej fl-organizzazzjoni militari u fl-attivitajiet istituzzjonali tad-difiża;
- 5.5. jissaħħu l-għarfien, il-kuxjenza u l-appoġġ taċ-ċittadini fl-attivitajiet tal-iżvilupp teknoloġiku tal-istrumenti ta' difiża, li għandhom impatt dirett fuq is-soċjetà ċivili u fuq l-iżvilupp tal-pajjiż;
- 5.6. tiġi żviluppata d-dimensjoni tal-komunikazzjoni tal-approċċ il-ġdid, sabiex ikun hemm persunal aktar preparat u kwalifikat fil-qasam tal-komunikazzjoni Ewropea. L-attivitajiet se jkunu bbażati fuq il-prinċipju gwida ta' "kwalifikazzjoni u koordinazzjoni", żviluppat skont l-approċċ ta' koordinazzjoni Ewropea, b'konformità man-NATO.
- 5.7. Iċ-ċibersigurtà u d-difiża ċibernetika, oqsma li fihom id-Difiża hija attur ta' referenza Ewropea, marbut mal-ħolqien tal-ispazju ċibernetiku bħala dominju ġdid ħdejn dawk tradizzjonali militari.

Brussell, is-7 ta' Diċembru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS
